

**Rikors ippreżentat fit-3 ta' Lulju 2013 — Kadhaf Al Dam vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni**

(Kawża T-348/13)

(2013/C 298/13)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: Ahmed Mohammed Kadhaf Al Dam (il-Kajr, l-Eġittu)  
(rappreżentant: H. de Charette, avukat)

Konvenuti: Il-Kummissjoni Ewropea u Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet tar-rikorrent**

— tiddikjara li

— id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/182/PESK, tat-22 ta' April 2013, li temenda d-Deċiżjoni 2011/137/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja, sa fejn din ma nehhetx isem ir-rikorrent mill-Anness II u mill-Anness IV tad-Deċiżjoni 2011/137/PESK;

— id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/137/PESK, tat-28 ta' Frar 2011, dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja sa fejn l-Annessi II u IV tagħha jinkludu isem ir-rikorrent;

— ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 204/2010, tat-2 ta' Marzu 2011, dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja, sa fejn l-Anness III tiegħu jinkludi isem ir-rikorrent;

ma japplikawx fir-rigward tiegħu;

— tikkundanna lill-Kunsill u lill-Kummissjoni għall-ħlas simboliku ta' EUR 1 bħala kumpens għad-dannu subit;

— tikkundanna lill-Kunsill u lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoqa żewġ motivi.

(1) L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tad-drittijiet fundamentali, kompost minn erba' partijiet ibbażati:

— fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża tar-rikorrent, peress li dan ma ġiex mismugħ qabel l-adozzjoni tal-miżuri restrittivi fir-rigward tiegħu;

— fuq l-assenza ta' notifika tal-atti kkontestati lir-rikorrent u dan minkejja l-fatt li l-indirizz tiegħu huwa magħruf mill-awtoritajiet;

— fuq l-assenza ta' motivazzjoni, peress li l-motivazzjoni pprovduta fl-atti kkontestati insostenn tal-miżuri restrittivi adottati kontra r-rikorrent la huma relatati mas-sitwazzjoni attwali fil-Libja u lanqas mal-għanijiet imfittxa;

— fuq in-nuqqas ta' seduta.

(2) It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tad-dritt għall-proprjetà, kompost minn żewġ partijiet ibbażati:

— fuq l-assenza ta' utilità pubblika jew ta' interess ġenerali tal-miżuri restrittivi adottati kontra r-rikorrent, peress li huwa kien iddissoċja ruħu uffiċjalment mill-Gvern Libjan;

— fuq nuqqas ta' ċertezza legali.

**Appell ippreżentat fl-4 ta' Lulju 2013 minn Giorgio Lebedef mis-sentenza mogħtija fl-24 ta' April 2013 mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-Kawża F-56/11, Lebedef vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-356/13 P)

(2013/C 298/14)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Appellant: Giorgio Lebedef (Senningerberg, il-Lussemburgu)  
(rappreżentant: F. Frabetti, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla s-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-24 ta' April 2013 fil-Kawża F-56/11, Lebedef vs Il-Kummissjoni, li għandha bħala suġġett l-annullament tad-deċiżjoni dixiplinari, tad-6 ta' Lulju 2010, li timponi fuq ir-rikorrent is-sanzjoni li jitniżżel b'żewġ gradi fl-istess grupp ta' funzjoni;

— tilqa' t-talbiet tal-appellant imressqa fl-ewwel istanza;

— sussidjarjament, tirrinwija l-kawża quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku;

— tiddeċiedi fuq l-ispejjeż u tikkundanna lill-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea għall-ħlas tagħhom.